31999R0502

12.3.1999 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 65/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSIJONI (KEE) Nru 502/1999
tat-12 ta' Frar 1999
li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jippreskrivi disposizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju [1], kif l-aħħar emendat mill-Parlament Ewropew u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 82/97 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 249 tiegħu,

(1) Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 46/1999 [4], jistabbilixxi disposizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92;

(2) Billi diffikultajiet matul is-snin reċenti matul il-proċeduri tat-transitu kkawżaw, u jibqgħu jikkawżaw, telfiet sinifikanti għall-estimi ta' l-Istati Membri u r-riżorsi tal-Komunità stess u jirrapreżentaw sfida permanenti għall-kummerċ Ewropew u l-operaturi ekonomiċi;

(3) Billi l-modernizzazzjoni tal-proċeduri tat-transitu hi għalhekk ikkunsidrata neċessarja u l-komputerizzazzjoni tagħhom tirrapreżenta element signifikanti fil-modernizzazzjoni;

(4) Billi kienet ġiet adottata riżoluzzjoni tal-Kunsill rigward il-komputerizazzjoni tat-transitu doganali mill-Kunsill tas-Suq Intern, fil-laqgħa tiegħu fit-23 ta' Novembru 1995 [5]; il-bżonn għall-komputerizazzjoni kien rikonoxxut fid-Deċiżjoni Nru 210/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1996 li addottat programm ta' azzjoni għad-dwana fil-Komunità (Dwana 2000) [6];

(5) Billi l-komputerizazzjoni kienet ukoll rakkomandata mill-Kumitat ta' Inkjesta Temporanja tal-Parlament Ewropew dwar is-Sistema ta' Transitu Komunitarju [7] u mill-Kummissjoni fil-pjan ta' l-azzjoni tagħha għat-transitu fl-Ewropa [8];

(6) Billi l-introduzzjoni tal-proċeduri ġodda komputerizzati bbażati fuq l-użu tat-tekonoloġija ta' l-informazzjoni moderna u l-iskambju tad-*data* elettronika (EDI – *electronic data interchange*) teħtieġ l-adattazzjoni ta' disposizzjoijiet legali biex iwieġbu għall-bżonnijiet ta' proċedura, ta' teknika, marbuta mas-sigurtà u ta' ċertezza legali;

(7) Billi l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' teknika, ta' proċedura u ta' sigurtà fiżika hi ta' importanza vitali biex tinkiseb u tinżamm operazzjoni sigura u ta' min jorbot fuqha tas-sistema ta' transitu komputerizzata;

(8) Billi l-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw fl-24 ta'

[1] ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.
[2] ĠU L 17, tal-21.1.1997, p. 1.
[3] ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1.
[4] ĠU L 10, tal-15.1.1999, p. 1.
[5] ĠU C 327, tas-7.12.1995, p. 2
[6] ĠU L 33, ta' l-4.2.1997, p. 24.
[7] Ir-Rapport finali (PE 220 895/fin.), ta' l-20.2.1997.
[8] ĠU C 176, ta' l-10.6.1997, p. 3.

Ottubru 1995 id-Direttiva 95/46/KE [1] dwar il-protezzjoni ta' l-individwi fejn għandu x'jaqsam l-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment ħieles ta' din id-*data*;

(9) Billi l-implimentazzjoni ta' sistema ta' transitu komputerizzata ġdida f'fażijiet funzjonali differenti teħtieġ li jiġi stabbilit qafas legali skond dan l-iżvilupp;

(10) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 hu b'dan emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 341 hu miżjud il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Taħt il-kondizzjonijiet u fil-mod li huma jiddeterminaw, u b'qies dovut għall-prinċipji stabbiliti bir-regoli doganali, l-awtoritajiet doganali jistgħu jippermettu li d-dikjarazzjoni jew xi uħud mill-partikolaritajiet jiġu ppreżentati bl-użu ta' diski jew *tapes* manjetiċi, jew bl-iskambju ta' l-informazzjoni permezz ta' mezzi simili, fejn xieraq f'forma kodifikata.'"

(2) L-Artikolu 345(2) hu sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-lista tat-tagħbija għandha tiġi prodotta fin-numru ta' kopji meħtieġa mill-awtoritajiet doganali."

(3) L-Artikolu 346(2) hu sostitwit b'dan li ġej:

"2. Id-dikjarazzjoni T1 għandha tiġi prodotta fl-uffiċċju tat-tluq fin-numru ta' kopji meħtieġa mill-awtoritajiet doganali."

(4) L-Artikolu 350(1) hu sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-merkanzija għandha tiġi trasportata flimkien mad-dokument T1 maħruġ mill-uffiċċju doganali tat-tluq. Meta awtorizzat, id-dokument jista' jiġi stampat mis-sistema tal-kompjuter prinċipali."

(5) L-Artikoli li ġejjin 350a sa 350d huma miżjuda:

"Artikolu 350a

1. Fejn id-dikjarazzjoni ta' transitu hi pproċessata fl-uffiċċju tat-tluq permezz ta' sistemi tal-kompjuter id-dokument T1 għandu jiġi sostitwit bid-dokument ta' transitu li hemm miegħu kif speċifikat fl-Artikolu 350ċ, l-ewwel paragrafu.

2. Fil-każ imsemmi fl-ewwel paragrafu l-uffiċċju tat-tluq għandu jżomm id-dikjarazzjoni u jikkomunika r-rilaxx billi jipprovdi id-dokument ta' transitu li hemm miegħu lill-prinċipal. F'dan il-każ l-Artikolu 249 u l-Artikolu 348(2) ma għandhomx japplikaw.

Artikolu 350b

1. Meta d-disposizzjonijiet f'dan it-Titolu jirreferu għal xi kopji, dikjarazzjonijiet jew dokumenti li jfissru dokument T1 li jkun hemm mal-kunsinna fit-transitu Komunitarju, dawn id-disposizzjonijiet għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għad-dokument ta' transitu li jkun hemm miegħu.

2. Meta ssir referenza għal iktar minn kopja waħda tad-dokument l-awtoritajiet doganali għandhom jipprovdu l-kopji addizzjonali tad-dokument ta' transitu li hemm magħhom, fejn xieraq.

Artikolu 350ċ

1. Id-dokument ta' transitu li hemm magħha għandu jkun konformi mal-kampjun u l-partikolaritajiet fl-Anness 45a.

2. Id-dokument ta' transitu li hemm magħha ma għandux jiġi modifikat f'ebda mod lanqas ma għandha ssirlu ebda żieda jew tħassir sakemm mhux speċifikat mod ieħor f'dan ir-regolament.

Artikolu 350d

1. Fejn xieraq id-dokument ta' transitu li hemm magħha għandu jiġi supplimentat b'lista ta' l-oġġetti li l-kampjun u l-partikolaritajiet huma fl-Anness 45b jew b'lista tat-tagħbija.

2. Lista tat-tagħbija jew lista ta' l-oġġetti msemmija f'dokument ta' transitu li hemm magħha għandha tifforma parti integrali minnha u ma għandhiex tiġi separata minn dak id-dokument."

[1] ĠU L 281, tat-23.11.1995, p. 31.

(6) L-Artikolu 373(2) hu sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-garanzija msemmija fil-paragrafu 1 tista' tkun depożitu ta' flus depożitat ma' l-uffiċċju tat-tluq. F'dak il-każ, għandha tiġi mogħtija lura meta l-proċedura ta' transitu Komunitarju estern hi mwettqa fl-uffiċċju tat-tluq."

(7) L-Artikolu 374 hu sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 374*

Min jagħti l-garanzija jinħeles mill-obbligi tiegħu kif previst fl-Artikolu 199(1) tal-Kodiċi u b'żieda għandu jinħeles mill-obbligi tiegħu ma' l-iskadenza ta' perjodu ta' 12-il xahar mid-data ta' reġistrazzjoni tad-dikjarazzjoni T1 fejn ma ġiex avżat mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru tat-tluq bin-nuqqas ta' twettieq tal-proċedura ta' transitu Komunitarju estern.

Meta, fil-perjodu previst fl-ewwel subparagrafu, min jagħti l-garanzija ġie avżat mill-awtoritajiet doganali bin-nuqqas ta' twettieq tal-proċedura ta' transitu Komunitarju estern, hu għandu, b'żieda, jiġi avżat li hu meħtieġ jew jista' jkun meħtieġ iħallas l-ammonti li għalihom hu responsabbli rigward l-operazzjoni ta' transitu Komunitarju in kwistjoni. Din in-notifika għandha tilħaq lil min jagħti il-garanzija sa mhux iktar tard minn tliet snin wara d-data ta' reġistrazzjoni tad-dikjarazzjoni T1. Fejn ebda notifika bħal din ma tkun saret qabel l-iskadenza ta' dak il-limitu ta' żmien, min jagħti il-garanzija għandu bl-istess mod jinħeles mill-obbligi tiegħu."

(8) It-test li ġej hu miżjud wara l-Artikolu 388:

"*KAPITOLU 6a*

Dispożizzjonijiet addizzjonali applikabbli fejn ikun hemm skambju tad-data dwar it-transitu bl-użu tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni u networks tal-kompjuter bejn l-awtoritajiet doganali

Sezzjoni 1

Skop

Artikolu 388a

1. Mingħajr preġudizzju għaċ-ċirkostanzi speċjali u għad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu li għandhom x'jaqsmu mal-proċedura ta' transitu Komunitarju, li, fejn xieraq, għandha tapplika *mutatis mutandis*, l-iskambju ta' l-informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali deskritt f'dan il-Kapitolu għandu jseħħ bl-użu tat-tekonoloija ta' l-informazzjoni u n-*networks* tal-kompjuter.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandhom japplikaw biss għall-proċedura ta' transitu Komunitarju estern u intern.

Artikolu 388b

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu ma għandhomx japplikaw għal:

(a) it-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija skond l-Artikolu 413 sa 441;

(b) it-trasport tal-merkanzija bl-ajru skond l-Artikolu 444;

(ċ) it-trasport tal-merkanzija bil-baħar, fejn huma applikati proċeduri simplifikati skond l-Artikolu 448; u

(d) it-trapsort tal-merkanzija permezz ta' linji ta' pajpijiet.

Sezzjoni 2

Sigurtà

Artikolu 388ċ

1. B'żieda mal-ħtiġiet tas-sigurtà mfissra fl-Artikolu 4a(2) l-awtoritajiet doganali għandhom jistabbilixxu u jżommu fis-seħħ arranġamenti dwar is-sigurtà xierqa għall-operazzjoni effettiva, ta' min joqgħod fuqha u sħiħa tas-sistema kollha ta' transitu.

2. Sabiex ikun assigurat il-livell ta' sigurtà msemmi hawn fuq kull entrata, modifika u tħassir tad-*data* għandha tiġu mniżżla bl-indikazzjoni ta' l-iskop ta' dan l-ipproċessar, il-ħin meta tkun saret u l-persuna li tibda l-ipproċessar. B'żieda għal dan id-*data* oriġinali jew xi *data* li kienet soġġetta għal dan l-ipproċessar għandha tinżamm għal perjodu ta' mill-inqas tliet snin mill-aħħar tas-sena li għaliha tirreferi din id-*data*, jew għal perjodu itwal jekk hekk imfisser x'imkien ieħor.

3. L-awtoritajiet doganali għandhom jommonitorjaw is-sigurtà regolarment.

4. L-awtoritajiet doganali interessati għandhom jinfurmaw lil xulxin bil-ksur kollu tas-sigurtà suspettat.

Sezzjoni 3

Id-dikjarazzjoni tat-transitu

Artikolu 338d

1. B'deroga mill-Artikolu 222(1) dikjarazzjoni ta' transitu magħmula bl-użu ta' teknika ta' l-ipproċessar tad-*data*, kif

imfisser fl-Artikolu 4a(1)(a), għandha tkun konformi ma' l-istruttura u l-partikolaritajiet fl-Annessi 37a u 37b.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1 fejn id-dikjarazzjoni tat-transitu hi magħmula skond l-Artikolu 388f, għandhom japplikaw l-Artikoli 222 sa 224.

Artikolu 388e

Taħt il-kondizzjonijiet u bil-mod li huma jiddeterminaw, u b'qies dovut lejn il-prinċipji stabbiliti bir-regoli doganali, l-awtoritajiet doganali jistgħu jippermettu li jintużaw listi tat-tagħbija bħala l-parti deskrittiva tad-dikjarazzjoni ta' transitu magħmula bl-użu tat-teknika ta' l-ipproċessar tad-*data*.

Sezzjoni 4

Il-Kunsinnatarji awtorizzati

Artikolu 388f

1. B'deroga mill-Artikolu 398, il-kunsinnatarju awtorizzat għandu jippreżenta dikjarazzjoni ta' transitu ma' l-uffiċċju tat-tluq qabel ir-rilaxx intenzjonat tal-merkanzija.

2. L-awtorizazzjoni tista' tiġi mogħtija biss lil persuna li, b'żieda mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 399, tippreżenta d-dikjarazzjonijiet ta' transitu tagħha u tikkomunika ma' l-awtoritajiet doganali bl-użu ta' teknika ta' l-ipproċessar tad-*data*.

Artikolu 388g

B'deroga mill-Artikolu 400(b) l-awtorizazzjoni għandha tispeċifika b'mod partikolari l-perjodu li fih il-kunsinnatarju awotrizzat għandu jippreżenta dikjarazzjoni sabiex l-awtoritajiet doganali jistgħu iwettqu l-kontrolli neċessarji qabel ir-rilaxx intenzjonat tal-merkanzija.

Sezzjoni 5

L-Operazzjoni tal-proċedura

Artikolu 388h

L-uffiċċju tat-tluq għandu, l-iktar tard mar-rilaxx tal-merkanzija, jinnotifika l-moviment ta' transitu lill-uffiċċju tad-destinazzjoni dikjarat, bl-użu tal-messaġġ speċifikat fl-Annessi 37a u 37b.

Artikolu 388i

1. B'deroga mill-Artikolu 356(2) l-uffiċċju tad-destinazzjoni għandu jżomm id-dokument ta' transitu li jkun mad-dokument u għandu jikkomunika l-wasla lill-uffiċċju tat-tluq minnufih bl-użu tal-messaġġ speċifikat fl-Annessi 37a u 37b, u, mingħajr dewmien, għandu jgħaddi r-riżultati ta' kontroll lill-uffiċċju tat-tluq kif dawn isiru disponibbli bl-użu tal-messaġġ speċifikat fl-istess l-Annessi.

2. Il-komunikazzjoni tal-wasla fl-uffiċċju tat-tluq ma tistax tiġi wżata bħala prova tar-regolarità ta' l-operazzjoni ta' transitu.

Artikolu 388j

Fejn id-data tat-transitu hi skambjata bl-użu tat-tekonoloġija ta' l-informazzjoni u *networks* bejn l-uffiċċju tat-tluq u l-uffiċċju tad-destinazzjoni, il-kontroll tal-merkanzija għandu jitwettaq bl-użu tal-komunikazzjoni li tkun waslet fl-uffiċċju tat-tluq bħala bażi għal dan il-kontroll."

(9) L-Anness 37a, kif muri fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, hu miżjud.

(10) L-Anness 37b, kif muri fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, hu miżjud.

(11) L-Anness 38a, kif muri fl-Anness III ta' dan ir-Regolament, hu miżjud.

(12) L-Anness 45a, kif muri fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament, hu miżjud.

(13) L-Anness 45b, kif muri fl-Anness V ta' dan ir-Regolament, hu miżjud.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jibda' jseħħ fis-seba' ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-31 ta' Marzu 1999. Madanakollu d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 350a, l-ewwel paragrafu, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, għandhom jiġu applikati fl-uffiċċju tat-tluq l-iktar tard meta s-sistema ta' transitu komputerizzata tiġi implimentata f'dan l-uffiċċju.

L-awtorizzazzjonijiet konċessa skond l-Artikolu 398 li huma validi fiż-żmien tal-bidu fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, għandhom ikunu konformi mal-ħtiġiet ta' l-Artikoli 388f u 388g l-iktar tard sal-31 ta' Marzu 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Frar 1999.

Għall-Kummissjoni

Mario MONTI

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

"ANNESS 37a

NOTI ESPLANATORJI LI JIKKONĊERNAW IL-MESSAĠĠI PPREŻENTATI FL-ANNESS 37b U R-REGOLI U L-KONDIZZJONIJIET APPLIKABBLI GĦAD-DATA TAL-MESSAĠĠ

TITOLU I

Introduzzjoni

Dan it-Titolu jiddeskrivi l-istruttura ta' l-IE (tpartit ta' l-informazzjoni), jiġifieri l-mudell użat biex jiddeskrivi l-kontenut ta' l-informazzjoni li għandha tiġi mparta bejn l-awtoritajiet kompetenti u bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet kompetenti bl-użu tat-tekonoloġija ta' l-informazzjoni u *networks* tal-kompjuter.

F'dan il-mudell, l-IE huma organizzati f'munzelli tad-data li jikkontjenu d-data (l-attribuzzjonijiet). Id-data (l-attribuzzjonijiet) huma miġbura flimkien b'tali mod li jibnu blokok loġiċi koerenti fi ħdan l-iskop ta' kull IE.

Il-mudell jippermetti l-identifikazzjoni:

— tal-karatteristiċi tal-munzelli tad-data li jappartejnu għall-IE: tas-sekwenza, in-numru ta' repetizzjonijiet, il-valur tal-grad biex jindika jekk il-munzell tad-data hu mandatorju, ta' għażla jew kondizzjonali,

— tal-karatteristiċi tad-data li jappatjenu għal munzell tad-data: tas-sekwenza, in-numru ta' repetizzjonijiet, it-tip, it-tul u l-valur tal-grad biex jindika jekk id-data hi mandatorju, ta' għażla jew kondizzjonali,

— tad-daħla tal-munzell tad-data li turi li l-munzell tad-data jista' jikontjeni mhux biss data imma wkoll munzelli oħrajn tad-data,

— tal-kondizzjonijiet applikabbli għad-data jew il-munzelli tad-data lejn data oħra jew munzelli tad-data oħrajn fl-istess IE,

— tar-regoli ta' l-istruttura applikabbli għad-data jew il-munzelli tad-data, li jispjegaw kif id-data jew il-munzell tad-data miħaddet hu wżat fl-IE.

Struttura ta'l-IE (tpartit ta' l-informazzjoni)

Ⓐ IE15 ⓐ **Informazzjoni tad-dikjarazzjoni** ⓑ Ⓑ	**E_DEC_DAT** ⓒ		
OPERAZZJONI TAT-TRANSITU ⓐ	ⓑ 1 x	R ⓒ	
PRODOTT	99999 x	R	Regola 95
REĊIPJENTI (kaxxa 31) ⓓ	99 x	C	Kund 55 ⓔ
PAKKETTI (kaxxa 31)	99 x	O	
Persuni li jirċievu awtorizzati min-NEGOZJANT (kaxxa 53)	1 x	O	Regola 15
RIŻULTAT TAL-KONTROLL (kaxxa D)	1 x	O	
GARANZIJA	9 x	R	
REFERENZA TAL-GARANZIJA ⓕ	99 x	C	Kund 85
LIMITAZZJONI TAL-VALIDITÀ	99 x	O	

Ⓒ

OPERAZZJONI TAT-TRANSITU (a) LRN (b)	R (c)	an (d)	..17 (e)
Tip tad-dikjarazzjoni (kaxxa 1)	R	an..5	
Numru ta' listi tat-tgħabija (kaxxa 4)	O	n..5	Regola 95
Numru totali ta' pakketti (kaxxa 6)	C	n..7	Kund 95 Rule 105
PRODOTT Tip tad-dikjarazzjoni (eż kaxxa 1) (f)	C	a..5	Kund 45 (g)
Pajjiż li qed jintbgħatu minnu (eż kaxxa 15a)	C	a2	Kund 135
Pajjiż li qed jintbgħatu fih (eż kaxxa 17a)	C	a2	Kund 140

Ⓓ

KUNDIZZJONIJIET GĦALL-IE

C55: Jekk "Reċipjent" (kaxxa 19) = "1"

mela "REĊIPJENTI (kaxxa 31)" = "R"

inkella "REĊIPJENTI (kaxxa 31)" = "O"

Ⓔ

REGOLI GĦALL-IE

r11: Meta jkun hemm persuna li qed tirċieivi waħda biss iddikkjarata, il-munzell ta' l-informazzjoni "persuna li qed tirċieivi NEGOZJANT (kaxxa 8)" dwar livell ta' OPERAZZJONI TAT-TRANSITU jiġi użat. Il-munzell ta' l-informazzjoni "persuna li qed tirċieivi NEGOZJANT (ex kaxxa 8)" dwar il-livell ta' PRODOTT ma jistax jintuża

SPJEGAZZJONI

Il-mudell IE hu maqsum f'ħames partijiet:

Ⓐ Il-parti ta' l-identifikazzjoni, kull IE hu identifikat b':

— numru uniku li jikkonsisti f'żewġ karattri "IE" segwiti minn massimu ta' tlett numri (a),

— isem (b),

— referenza unika (c) f'relazzjoni ta' wieħed b'waħda man-numru uniku ta' l-IE; kull IE għandu bħala prefiss l-"E_" (dominju estern), iċ-"C_" (dominju konswetudinarju) jew l-"N-" (intern).

Ⓑ Il-parti ta' l-istruttura tipprovdi li ġej:

— is-sekwenza tal-munzelli tad-data fit-IE,

— isem ta' munzell tad-data (a),

— numru segwit mill-karattru "x" (b) li juri kemm-il darba l-munzell tad-data jista' jiġi ripetut fit-IE,

— valur (c) li juri jekk il-munzell tad-data hu (M)eħtieġ, ta' (GĦ)ażla jew (K)ondizzjonali,

— meta rilevanti, "numru ta' kaxxa" (d) li jirrapreżenta n-numru tal-kaxxa fuq is-SAD,

— referenza ghall-kondizzjoni u/jew ir-regola (e) applikabbli ghad-data,

— id-dahla tal-munzell tad-data (f) tindika li l-munzell tad-data jiddependi fuq munzell tad-data ta' dahla iktar baxxa.

(C) Id-dettall tal-"munzell tad-data" jipprovdi ghal kull data (attribwit) li gej:

— is-sekwenza tad-data fi hdan il-munzell tad-data,

— isem tal-munzell tad-data (a) l-istess bhal fil-parti ta' l-istruttura,

— l-isem ta' l-attribut (b) fi hdan il-munzell tad-data,

— valur (c) li jindika jekk id-data hija (M)ehtiega, ta' (GH)ażla jew (K)ondizzjonali,

— it-tip tad-data (d) (a)lfabetika u/jew (n)umerika,

— it-tul tad-data (e) (iż-żewg tikek opzjonali qabel l-indikatur tat-tul ifissru li d-data m'ghandha ebda tul fiss, imma jista' jkollha sa numru ta' numri, kif specifikat mill-indikatur tat-tul); ghandu jkun maghruf li t-tip/it-tul tad-data tas-setturi li jirrapreżentaw id-data huwa dejjem "n8" sabiex ikun konformi mas-sena 2000 (e.ż. 19980220); ukoll, virgola turi t-tul totali ta' l-attribut, in-numru wara l-virgola juri n-numru massimu ta' numri wara l-punt decimali,

— fejn rilevanti, "numru ta' kaxxa" (f) li jirrapreżenta n-numru tal-kaxxa fuq is-SAD,

— referenza (g) ghall-kondizzjoni "Cond" u/jew ghar-"Regola" applikabbli ghad-data.

(D) Il-parti tal-"Kondizzjoni":

Tniżżel il-kondizzjonijiet kollha applikabbli ghad-data jew il-munzell tad-data lejn data ohra jew munzell tad-data inkluż fit-IE. Kondizzjoni tesprimi d-dipendenza ta' l-attribut jew munzell tad-data fuq il-kontenut ta' l-attribut iehor jew lejn munzell tad-data fi hdan l-istess IE. L-attribut jew il-munzell tad-data mithaddet jista', minhabba l-kondizzjoni, jigi mradd (M)ehtieg, (O)zjonali jew anke "ma jigix użat" fi hdan it-IE.

(E) Il-parti tar-"Regola":

Tniżżel ir-regoli kollha applikabbli ghad-data jew il-munzell tad-data, li tispjega kif id-data jew il-munzell tad-data mithaddet hu wżat fit-IE.

TITOLU II

Regoli għat-IE (it-tpartit ta' l-informazzjoni)

r5: 'Nru ta' l-oġġett' (kaxxa 32) jintuża dejjem anki jekk 'Oġġetti' (kaxxa 5) = '1' Nru ta' l-oġġett (kaxxa 32) huwa ukoll '1'.

r7: Kull 'Nru ta' l-oġġett' (kaxxa 32) huwa uniku matul id-dikjarazzjoni.

r10: Meta jkun hemm persuna li qed tibgħat waħda biss iddikkjarata il-munzell ta' l-informazzjoni 'Persuna li qed jibgħat NEGOZJANT (kaxxa 2)' dwar il-livell ta' l-OPERAZZJONI TAT-TRANSITU huwa użat. Il-gruppl ta' l-informazzjoni 'Persuna li qed jibgħat NEGOZJANT (eż kaxxa 2)' dwar il-livell ta' PRODOTTI li jista'/ ma jistax jintuża.

r11: Meta jkun hemm persuna li qed tirċievi waħda biss iddikkjarata il-munzell ta' l-informazzjoni 'Persuna li qed tirċievi NEGOZJANT (kaxxa 8)' dwar il-livell ta' l-OPERAZZJONI TAT-TRANSITU huwa użat. Il-munzell ta' l-informazzjoni 'Persuna li qed tirċievi NEGOZJANT (eż kaxxa 8)' dwar il-livell ta' PRODOTTI ma jistgħux jintużaw.

r15: Il-munzell ta' l-informazzjoni 'Persuna li qed tirċievi NEGOZJANT (kaxxa 53)' jista' jintuża biex jindika li l-proċedura simplifikata se tintuża fid-destinazzjoni.

r20: Meta t-tip ta' dikjarazzjoni (kaxxa 1 jew eż kaxxa 1) = 'T2' u l-moviment jiġi maħruġ f'pajjiż li mhux fil-KE (identifikat mill-uffiċju tat-tluq), il-principal irid jiddikkjara ta' lanqas wieħed 'Tip ta' dokument ta' qabel' (kaxxa 40) = 'T2', 'T2L', 'T2F', 'T2LF', 'T2CIM', 'T2TIR' or 'T2ATA' segwita mir-'Referenza tagħha f' Referenza għad-dokument ta' qabel'.

r26: Wieħed mill-attribuzzjonijiet jiġi meħtieġ fil-każ 'PRODOTT. DOKUMENTI/ĊERTIFIKATI' (kaxxa 44) jiġu użati.

r27: Jew 'Identifikazzjoni addizzjonali ta' l-informazzjoni' jew 'Test' tal-munzell ta' l-informazzjoni 'SPEĊJALMENT MSEMMIJA' (kaxxa 44) hija meħtieġa fil-każ 'SPEĊJALMENT MSEMMIJA' hija użata.

r35: Kundizzjonijiet 'Ċ5' and 'Ċ6' ma jistgħux jiġu ċċekkjati fil-każ li kaxxa 26 ma tiġix użata.

r36: Kundizzjoni 'Ċ10' ma tistax tiġi ċċekkjata fil-każ li kaxxa 25 ma tiġix użata.

r41: 'Lokazzjoni miftiehma tal-prodotti'/'Kodiċi tal-lokazzjoni miftiehem', 'Lokazzjoni awtorizzata tal-prodotti' u 'Post l-isfel tad-Dwana' (kaxxa 30) ma jistgħux jintużaw fl-istess ħin.

r60: Meta n-negozjant juża kodiċi tal-kumditajiet ikollu jiddikjara ta' lanqas erbgħa sa tmien diġiti tal-kodiċi tal-kumditajiet.

r75: 'Esportazzjoni mill-KE' u 'Esportazzjoni minn pajjiż' ma jistgħux jintużaw fl-istess ħin.

r79: Biss DOKUMENTI AMMINISTRATTIVI TA' QABEL u DOKUMENTI/ĊERTIFIKATI PRODOTTI li huma immarkati bħala 'Komuni' fl-informazzjoni ta' Referenza 'TIP TA' DOKUMENT' għandhom jintbgħatu lid-destinazzjoni permezz tal-IE01.

r80: IMSEMMIJA SPEĊJALI li huma mmarkati bħala 'Komuni' fl-informazzjoni ta' Referenza biss għandhom jintbgħatu lid-destinazzjoni permezz tal-IE01.

r95: Meta kaxxa 3 ma tintużax u hemm aktar minn oġġett wieħed tajjeb iddikjarat ikun meħtieġ 'Numru ta' listi tat-tgħabija' (kaxxa 4).

Dan l-attribut għandu jintuża meta ikun preżenti listi tat-tgħabija tal-karta.

Fil-każ ta' listi tat-tgħabija tal-karta ir-regoli li ġejjin huma applikati:

— l-attribut meħtieġ 'Pajjiż tat-tluq' (kaxxa 15a) tal-munzell ta' informazzjoni TRANSITU OPERAZZJONI hija mpoġġija f' '--',

— hemm ġrajja ta' darba biss tal-munzell ta' l-informazzjoni PRODOTT, u fejn neċessarju s-submunzelli ta' l-informazzjoni RIFERENZI AMMINISTRATTIVI TA' QABEL, DOKUMENTI/ĊERTIFIKATI PRODOTTI u IMSEMMIJA SPEĊJALI. Il-munzelli l-oħra tas-subinformazzjoni ta' PRODOTTI ma jistgħux jintużaw.

— l-attribut 'Deskrizzjoni testwali' (kaxxa 31) fiha riferenzi għall-listi tat-tagħbija annessi, 'Deskrizzjoni testwali_LNG' fiha l-kodiċi tal-lingwa użat għall-dawk ir-riferenzi.

Il-kontenut tar-riferenzi jista' jkun:

— *għat-'Tip ta' Dikjarazzjoni' (kaxxa 1) = 'T1':* 'Ara l-listi tat-tagħbija',

— *għat-'Tip ta' dikjarazzjoni' (kaxxa 1) = 'T2':* 'Ara l-listi tat-tagħbija',

— *għat-'Tip ta' dikjarazzjoni' (kaxxa 1) = 'T-':* 'T1: Ara l-listi tat-tagħbija mill-… sa…',
'T2: Ara l-listi tat-tagħbija mill-… sa…', 'T2:'

— l-attribut 'Numru ta' l-oġġett' (kaxxa 32) huwa mimli b' '--',

— l-attribuzzjonijiet l-oħra kollha tal-munzell ta' informazzjoni PRODOTT ma jistgħux jintużaw.

r100: L-attribut huwa użat bħala lingwa bażika li trid tintuża f'aktar komunikazzjoni bejn in-negozjant fit-tluq u s-sistema doganali. Jekk in-negozjant ma jużax dan l-attribut is-sistema doganali tuża l-lingwa normali ta' l-uffiċju tat-tluq.

r105: In-numru totali tal-pakketti huwa ugwali għas-somma tan- 'Numru ta' pakketti' + in- 'Numru ta' biċċiet' kollha + valur ta' '1' għal kull 'imnut' iddikjarat. Dan il-kontroll m'huwiex possibbli meta n-'Numru ta' listi ta' tgħabija' (kaxxa 4) jiġu użati.

r143: L-informazzjoni fit-IE tikkorrispondi dejjem mal-verżjoni kurrenti (ta' l-aħħar) ta' l-informazzjoni ta' l-operazzjoni tat-TRANSITU. Dan ifisser li fiha l-informazzjoni tad-dikjarazzjoni emendata (jekk hemm) u/jew l-informazzjoni tad-dikjarazzjoni riveduta wara kontroll (jekk hemm) u kompleta bir-riżultati tal-kontroll tat-tluq.

r150: L-attribut 'Valur korrett' tal-munzell ta' informazzjoni 'RIŻULTATI TAL-KONTROLL' huwa konness ma' kull attribut singolu li jista' jkun soġġett għall-kontroll u għalhekk irid jirrifletti l-istess karatteristiċI ta' l-attribut tal-messaġġ oriġinali.

r155: Il-munzell ta' informazzjoni KODIĊI SGI irid ikun preżenti fil-każ li d-dikjarazzjoni jkun fiha prodotti sensittivi.

r156: 'Kwantita sensittiva' hija dejjem meħtieġa meta l-moviment fih prodotti sensittivi (ara ukoll regola 155).

Il-'Kodiċi tal-prodotti sensittivi' mhux dejjem meħtieġ meta l-moviment fih prodotti sensittivi. Jekk il-kodiċi tal-komodità HS6 huwa biżżejjed sabiex jidentifika unikament prodott sensittiv mela l-'Kodiċi tal-prodotti sensittivi' mhux meħtieġ. Jekk il-kodiċi tal-komodità HS6 (kaxxa 33) m' huwiex biżżejjed sabiex jidentifika unikament prodott sensittiv mela l-'Kodiċi tal-prodotti sensittivi' isir meħtieġ.

r160: Il-munzell ta' l-informazzjoni RIŻULTAT TAL-KONTROLL irid ikun preżenti fil-każ li d-dikjarazzjoni tiġi mdaħħla taħt il-proċedura simplifikata.

r165: Il-munzell ta' l-informazzjoni *SEALS* INFO irid ikun prezenti fil-każ li d-dikjarazzjoni tiġi mdaħħla taħt il-proċedura simplifikata, li l-awtorizzazzjoni tagħha tbassar l-użu tas-siġilli.

r190: Jew 'Trasport ġdid ifisser identità' u 'Trasport ġdid ifisser nazzjonalità' jew 'Numru ġdid tar-reċipjent', jew it-tnejn iridu jiġu użati meta saret it- 'TRASPORTAZZJONI INTERNAZZJONALI BIL-BAĦAR'.

r210: L-IE jittrasmetti lill-uffiċju tat-tluq l-informazzjoni rilevanti AAR riċevuta mill-uffiċju tat-tluq assoċjati ma' kull attribut singolu, meta l-każ iqum, il-munzell ta' informazzjoni 'RIŻULTATI TAL-KONTROLL'.

r217: Kull 'Inċidenti' li jiġru huma trasmessi lill-uffiċju tat-tluq. Dawk it-'Trasportazzjonijiet internazzjonali bil-baħar' immarkati bħala 'għadhom ma ntbgħatux' (i.e. bandiera 'Diġa fis-sistema' f' messaġġ ta' notifikazzjoni tal-wasla jew kaxxa ġdida krejata għal din ir-raġuni fuq id-DOKUMENT LI QED JAKKUMPANJA T-TRANSITU) huma komunikati lill-uffiċju tat-tluq.

r230: Dan l-attribut huwa użat bħala bandiera, il-valur tiegħu jista' jkun jew '0' ('le') jew '1' ('iva').

r231: Il-valur ta' dan l-attribut irid ikun wieħed mit-22 pajjiż għat-TRANSITU mingħajr il-15- il pajjiż tal-KE.

r325: Meta jkun hemm diġa siġilli identifikati fl-AAR u/jew notifikazzjoni tal-wasla ikunu meħtieġa 'Stat tas-siġilli'.

r355: 'PRODOTTI' li juru diskrepanza biss jiġu mibgħuta lura lill-uffiċju tat-tluq.

r470: L-IE 15 iħalli l-użu tal-kodiċi tal-komodità sa tmien diġiti (nazzjonali), madanakollu l-ewwel sitt diġiti biss jintbgħatu fid-destinazzjoni ma' l-AAR (internazzjonali).

r700: Din l-informazzjoni mhix meħtieġa meta l-prodotti ta' tip differenti koperti mill-istess dikjarazzjoni huma ppakkjati flimkien f'tali manjiera li huwa impossibbli li tiddetermina l-massa grossa ta' kull tip ta' prodotti.

TITOLU III

Kondizzjonijiet għat-IE (it-tpartit ta' l-informazzjoni)

C1: Jekk 'Pajjiż tad-Destinazzjoni' (kaxxa 17a) fuq operazzjoni ta' transizzjoni jikkontjeni 'pajjiż' kif definit fil-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' transizzjoni

min jikkonsenja NEGOZJANT (kaxxa 8) = 'R'

min jikkonsenja NEGOZJANT oħrajn (kaxxa 8) = 'O'.

C2: Jekk il-'Pajjiż tad-destinazzjoni' (ex kaxxa 17a) fuq livell ta' OĠĠETT TAL-MERKANZIJA jikkontjeni 'pajjiż' kif imsemmi f'C1

imbagħad min jikkonsenja NEGOZJANT (ex kaxxa 8) = 'R'

min jikkonsenja NEGOZJANT oħrajn (ex kaxxa 8) = 'O'.

C5: Jekk l-ewwel numru tal-'Mod fuq ġewwa tat-Trasport' (kaxxa 26) = '5' jew '7'

imbagħad l-Identità mas-safar (kaxxa 18) ma tistax tiġi wżata.

C6: Jekk l-ewwel numru tal-'mod tat-trasport fuq ġewwa' (kaxxa 26) -'2', '5' jew '7'

imbagħad 'in-Nazzjonalità mas-safar' (kaxxa 18) ma tistax tiġi wżata.

C10: Jekk l-ewwel numru tal-'Mod tat-trasport mal-fruntiera' (kaxxa 25) = '2', '5' jew '7'

imbagħad 'In-Nazzjonalità li taqsam il-fruntiera' (kaxxa 21) = 'O'

inkella 'in-Nazzjonalità li taqsam il-frunitera'(kaxxa 21) = 'R'.

C15: Jekk IL-KODIĊI SGI hu wżat

imbagħad 'il-kodiċi tal-Komunità' (kaxxa 33) = 'R'

inkella 'l-kodiċi tal-Komunità' (kaxxa 33) = 'O'.

C30: Jekk hemm partijiet differenti kontraenti dikjarati għas-safar (identifikati mill-uffiċċju tas-safar, il-kaxxa C) u d-destinazzjoni (identifikati mill-uffiċċju tad-destinazzjoni, il-kaxxa 53)

imbagħad mill-inqas 'UFFICJU DOGANALI ta' transizzjoni' wieħed (kaxxa 51) = 'R'

inkella 'L-UFFICJU DOGANALI ta' transizzjoni' (kaxxa 51) = 'O'.

C35: Jekk it-'Tip ta' Dikjarazzjoni' (kaxxa 1) jew it-'Tip ta' Dikjarazzjoni' (ex kaxxa 1) = 'T2' u l-'Pajjiż tal-kunsinna' identifikat permezz ta' l-ewwel żewġ numri tan-'numru ta' referenza ta' l-UFFIĊĊJU DOGANALI tas-safar' (kaxxa Ċ) = huwa pajjiż EFTA

imbagħad 'IR-REFERENZI AMMINISTRATTIVI TA' QABEL' = 'R'

inkella 'REFERENZI AMMINISTRATTIVI TA' QABEL' = 'O'.

Ċ45: Jekk 'it-tip ta' Dikjarazzjoni' (kaxxa 1) = 'T-'

imbagħad 'it-tip ta' Dikjarazzjoni' (ex kaxxa 1) = 'R'

inkella 'it-tip ta' Dikjarazzjoni' (ex kaxxa 1) ma tistax tiġi wżata.

Ċ50: Jekk 'TIN' (kaxxa 50) hi wżata

imbagħad l-attribuzzjonijiet ta' l-isem u l-indirizz (IUI) (kaxxa 50) ='O' jekk diġa magħrufin mis-sistema

inkella l-attribuzzjonijiet kollha ta' l-isem u l-indirizz (NAD) (kaxxa 50)='R'.

Ċ55: Jekk 'Kontenitur' (kaxxa 19) = '1'

imbagħad 'KONTENITURI (kaxxa 31)' = 'R'

inkella 'KONTENITURI (kaxxa 31)' = 'O'.

Ċ60: Jekk 'Tip ta' pakketti' (kaxxa 31) tindika 'KOBOR' (UNECE rec 21: 'VQ', 'VG', 'VL', 'VY', 'VR' or 'VO'

imbagħad 'Marki u nurmi tal-pakketti' (kaxxa 31) = 'O'
'Numru ta' pakketti' (kaxxa 31) ma tistax tiġi wżata
'Numru ta' biċċiet' (kaxxa 31) ma tistax tiġi wżata

inkella Jekk 'Tip ta' pakketti' (kaxxa 31) turi 'MHUX SPAKKJATI' (UNECE rec 21: = 'NE')

imbagħad 'Marki u numri ta' pakketti' (kaxxa 31) = 'O'
'Numru ta' pakketti' ma jistgħux jiġu wżati
'Numru ta' biċċiet' (kaxxa 31) = 'R'

inkella 'Il-Marki u n-numri tal-pakketti' (kaxxa 31) = 'R'
'In-Numri tal-pakketti' (kaxxa 31) = 'R'
'Numri ta' biċċiet' (kaxxa 31) ma jistgħux jiġu wżati.

Ċ75: Jekk 'Informazzjoni addizzjonali id' (kaxxa 44) = 'DG0' jew 'DG1'

imbagħad 'L-Esportazzjoni mill-KE' jew 'L-Esportazzjoni mill-pajjiż' (kaxxa 44) = 'R'

inkella 'L-Esportazzjoni mill-KE' u 'l-Esportazzjoni mill-pajjiż' (kaxxa 44) ma jistgħux jiġu wżati.

Ċ85: Jekk 'Tip ta' Garanzija' = '0', '1', '4' or '9'

imbagħad 'REFERENZA TAL-GARANZIJA' = 'R'

inkella 'REFERENZA TAL-GARANZIJA' = 'O'.

Ċ86: Jekk 'it-Tip ta' garanzija' = '0', '1', '4' or '9'

imbagħad il-'kodiċi ta' l-aċċess' = 'R'

inkella l-'kodiċi ta' l-Aċċess' = 'O'.

Ċ90: Jekk l-ewwel numru tal-"kodiċi tar-riżultat tal-Kontroll' = 'B'

imbagħad 'L-Istennija għar-resoluzzjoni tad-diskrepanzi' = 'R'

inkella 'L-Istennija għar-resoluzzjoni tad-diskrepanzi' = 'O'.

Ċ95: Jekk 'In-Numru ta' listi tat-tagħbija' (kaxxa 4) hu wżat

imbagħad 'In-Numru totali ta' pakketti' (kaxxa 6) = 'R'

inkella 'In-Numru totali ta' pakketti' (kaxxa 6) = 'O'.

Ċ99: Jekk is-settur tat-test ħieles li jikkorrispondi hu wżat

imbagħad '_LNG' = 'R'

inkella '_LNG' = 'O'.

(Il-lingwa ta' l-attribuzzjonijiet ta' l-indirizz hi espressa min-NAD_LNG)

Ċ100: Jekk 'IR-RIŻULTAT TAL-KONTROLL' (kaxxa D) hu wżat

imbagħad 'Il-Post awtorizzat tal-merkanzija' = 'O'
'Is-subpost doganali' ma jistax jiġi wżat
'Il-Kodiċi tal-post miftiehem' ma jistax jiġi wżat
'Il-post miftiehem tal-merkanzija' ma jistax jiġi wżat

inkella 'L-Post awtorizzat tal-merkanzija' ma jistax jiġi wżat
'il-Kodiċi tal-post miftiehem' = 'O'
'Il-Post miftiehem tal-merkanzija' = 'O'
'Is-subpost Doganali' = 'O'.

Ċ110: Jekk 'IR-RIŻULTAT TAL-KONTROLL' (Proċedura simplifikata) hu wżat

imbagħad 'TIN' = 'R'

inkella 'TIN' = 'O'.

Ċ125: Jekk 'Referenza oħra ta' garanzija' MHIX użata

imbagħad 'GRN' = 'R'

inkella 'GRN' ma tistax tiġi wżata.

Ċ130: Jekk 'GRN' MHIX użata

imbagħad 'Ir-Referenza l-oħra tal-garanzija' = 'R'

inkella 'Ir-referenza l-oħra tal-garanzija' ma tistax tiġi wżata.

Ċ135: Jekk pajjiż 1 biss tad-dispaċċ hu dikjarat

imbagħad 'Il-Pajjiż tad-dispaċċ (kaxxa 15a)' dwar livell ta' L-OPERAZZJONI TAT-TRANSIZZJONI = 'R'
'Il-pajjiż tad-dispaċċ (ex kaxxa 15a)' dwar il-livell ta' l-OĠĠETT TA-MERKANZIJA ma jistax jiġi wżat

inkella 'Il-pajjiż tad-dispaċċ (kaxxa 15a)' dwar L-OPERAZZJONI TAT-TRANSIZZJONI ma jistax jġi wżat
'Il-Pajjiż tad-dispaċċ (ex kaxxa 15a)' dwar il-livell ta' l-OĠĠETT TAL-MERKANZIJA = 'R'.

Ċ140: Jekk pajjiż 1 biss tad-destinazzjoni hu dikjarat

imbagħad 'il-pajjiż tad-destinazzjoni (kaxxa 17a)' dwar il-livell ta' L-OPERAZZJONI TAT-TRANSIZZJONI = 'R'
'Il-pajjiż tad-Destinazzjoni (ex kaxxa 17a)' dwar il-livell ta' l-OĠĠETT TAL-MERKANZIJA ma jistax jiġi wżat

inkella 'il-pajjiż tad-Destinazzjoni (kaxxa 17a)' dwar il-livell ta' l-OPERAZZJONI TAT-TRANSIZZJONI ma jistax jiġi wżat
'Il-pajjiż tad-Destinazzjoni (ex kaxxa 17a)' il-livell ta' l-OĠĠETT TAL-MERKANZIJA = 'R'.

Ċ185: L-ewwel numru tal-'kodiċi tar-riżultat tal-Kontroll' = 'A'

u t-tieni numru tal-'kodiċi tar-riżultat tal-kontroll' = '1' jew '2' ('Soddisfaċenti' jew 'Ikkonsidrat soddisfaċenti')

imbagħad 'Il-munzelli kollha tad-data u l-attribuzzjonijiet mmarkati b'"Cond 185" ma jistgħux jiġu wżati'

inkella 'L-munzelli kollha tad-data u l-attribuzzjonijiet mmarkati b'"Cond 185" = "R"'."

ANNESS II

"ANNESS 37b

MESSAĠĠI STRUTTURATI U L-KONTENUT TAD-DATA GĦAT-TI (TPARTIT TA' L-INFORMAZZJONI)

TITOLU I

L-istruttura u l-kontenut tad-dikjarazzjoni ta' transizzjoni EDI

Kapitolu I

L-Istruttura tad-dikjarazzjoni ta' TRANSIZZJONI EDI

IE15. Informazzjoni tad-Dikjarazzjoni E_DEC_DAT

OPERAZZJONI TAT-TRANSITU	1×	R	
NEGOZJANT li qed jibgħat (kaxxa 2)	1×	O	Regola 10
NEGOZJANT li qed jirċieivi (kaxxa 8)	1×	Ċ	Regola 11 Kund 1
PRODOTT	99999×	R	Regola 95
NEGOZJANT li qed jibgħat (kaxxa 2)	1×	O	Regola 10
NEGOZJANT li qed jirċieivi (kaxxa 8)	1×	Ċ	Regola 11 Kund 2
REĊIPJENTI (kaxxa 31)	99×	Ċ	Kund 55
PAKKETTI (kaxxa 31)	99×	R	
KODIĊI SGI (kaxxa 31)	9×	O	Regola 155
AMMINISTRATTIVI TA' QABEL RIFERENZI (kaxxa 40)	9×	Ċ	Kund 35
PRODOTTI DOKUMENTI/ĊERTIFIKATI (kaxxa 44)	99×	O	
IMSEMMIJA SPEĊJALI (kaxxa 44)	99×	O	
UFFIĊJU DOGANALI tat-tluq (kaxxa Ċ)	1×	R	
NEGOZJANT prinċipali (kaxxa 50)	1×	R	
RAPPREŻENTATIVI (kaxxa 50)	1×	O	
UFFIĊJU DOGANALI tat-TRANSITU (kaxxa 51)	9×	Ċ	Kund 30
UFFIĊJU DOGANALI tad-destinazzjoni (kaxxa 53)	1×	R	
NEGOZJANT awtorizzat li qed jirċievi (kaxxa 53)	1×	O	Regola 15
RIŻULTAT TAL-KONTROLL (kaxxa D)	1×	O	Regola 160
SEALS INFO (kaxxa D)	1×	O	Regola 165
SEALS INFO (kaxxa D)	99×	R	
GARANZIJA	9×	R	
REFERENZA TAL-GARANZIJA	99×	Ċ	Kund 85
LIMITAZZJONI TAL-VALIDITÀ KE	1×	O	
LIMITAZZJONI TAL-VALIDITÀ MHUX-KE	99×	O	

OPERAZZJONI TAT-TRANSITU			
LRN	R	an..22	
Tip ta' dikjarazzjoni (kaxxa 1)	R	an..5	Regola 95
Numru ta' listi tat-tgħabija (kaxxa 4)	O	n..5	Regola 95
Numru totali ta' oġġetti (kaxxa 5)	R	n..5	
Numru totali ta' pakketti (kaxxa 6)	Ċ	n..7	Kund 95 Regola 105
Pajjiż tat-tluq (kaxxa 15a)	Ċ	a2	Kund 135
Pajjiż tad-destinazzjoni (kaxxa 17a)	Ċ	a2	Kund 140
Identità fit-tluq (kaxxa 18)	Ċ	an..27	Kund 5 Regola 35
Identità fit-tluq LNG	Ċ	a2	Kund 99
Identità fit-tluq (kaxxa 18)	Ċ	a2	Kund 6 Regola 35
Kontejner (kaxxa 19)	R	n1	Regola 230
Nazzjonalità li qed taqsam il-fruntiera (kaxxa 21)	Ċ	a2	Kund 10 Regola 36
Identità li qed taqsam il-fruntiera (kaxxa 21)	O	an..31	
Identità li qed taqsam il-fruntiera LNG	Ċ	a2	Kund 99
Tip ta' trasport li qed taqsam il-fruntiera (kaxxa 21)	O	n..2	
Mod tat-trasport mal-fruntiera (kaxxa 25)	O	n..2	
Mod tat-trasport fuq l-art (kaxxa 26)	O	n..2	
Post tat-tgħabija (kaxxa 27)	O	an..17	
Kodiċi miftiehem tal-lokazzjoni (kaxxa 30)	Ċ	an..17	Kund 100 Regola 41
Lokazzjoni miftiehema tal-prodotti (kaxxa 30)	Ċ	an..35	Kund 100 Regola 41
Lokazzjoni miftiehema tal-prodotti LNG	Ċ	a2	Kund 99
Lokazzjoni awtorizzata miftiehema tal-prodotti (kaxxa 30)	Ċ	an..17	Kund 100 Regola 41
Sub-post doganali (kaxxa 30)	Ċ	an..17	Kund 100 Regola 41
Massa grossa totali (kaxxa 35)	R	n..11,3	
NCTS li jakkumpanja l-lingwaġġ tad-dokument kodiċi	R	a2	
Indikatur tal-lingwa tad-djalogu fit-tluq	O	a2	Regola 100
Data tad- dikjarazzjoni (kaxxa 50)	R	n8	
Post tad- dikjarazzjoni (kaxxa 50)	R	an..35	
Post tad- dikjarazzjoni LNG	R	a2	
NEGOZJANT li qed iforni			
Isem (kaxxa 2)	R	an..35	
Triq u numru (kaxxa 2)	R	an..35	
Pajjiż (kaxxa 2)	R	a2	
Kodiċi tal-posta (kaxxa 2)	R	an..9	
Belt (kaxxa 2)	R	an..35	
NAD LNG	R	a2	
TIN (kaxxa 2)	O	an..17	

NEGOZJANT li qed iforni			
Isem (kaxxa 8)	R	an..35	
Triq u numru (kaxxa 8)	R	an..35	
Pajjiż (kaxxa 8)	R	a2	
Kodiċi tal-posta (kaxxa 8)	R	an..9	
Belt (kaxxa 8)	R	an..35	
NAD LNG	R	a2	
TIN (kaxxa 8)	O	an..17	
PRODOTT			
Tip ta' dikjarazzjoni (eż kaxxa 1)	Ċ	an..5	Kund 45
Pajjiż tat-tluq (eż kaxxa 15a)	Ċ	a2	Kund 135
Pajjiż tad-destinazzjoni (eż kaxxa 17a)	Ċ	a2	Kund 140
Deskrizzjoni testwali (kaxxa 31)	R	an..140	
Deskrizzjoni testwali LNG	R	a2	
Numru ta' l-oġġett (kaxxa 32)	R	n..5	Regola 5 Regola 7
Kodiċi tal-komodità (kaxxa 33)	Ċ	n..8	Kund 15 Regola 60 Regola 470
Massa grossa (kaxxa 35)	O	n..11,3	Regola 700
Massa netta (kaxxa 38)	O	n..11,3	
NEGOZJANT li qed iforni			
Isem (eż kaxxa 2)	R	an..35	
Triq u numru (eż kaxxa 2)	R	an..35	
Pajjiż (eż kaxxa 2)	R	a2	
Kodiċi tal-posta (eż kaxxa 2)	R	an..9	
Belt (eż kaxxa 2)	R	an..35	
NAD LNG	R	a2	
TIN (eż kaxxa 2)	O	an..17	
NEGOZJANT li qed iforni			
Isem (eż kaxxa 8)	R	an..35	
Triq u numru (eż kaxxa 8)	R	an..35	
Pajjiż (eż kaxxa 8)	R	a2	
Kodiċi tal-posta (eż kaxxa 8)	R	an..9	
Belt (eż kaxxa 8)	R	an..35	
NAD LNG	R	a2	
TIN (eż kaxxa 8)	O	an..17	
KONTEJNERS			
Numri tal-kontejner (kaxxa 31)	R	an..11	
KODIĊI SGI			
Kodiċi ta' prodotti sensittivi (kaxxa 31)	O	n..2	Regola 156
Kwantità sensittiva (kaxxa 31)	R	n..11,3	
PAKKETTI			
Marki u numri ta' pakketti (kaxxa 31)	Ċ	an..42	Kund 60
Marki u numri ta' pakketti LNG	Ċ	a2	Kund 99
Tip ta' pakketti (kaxxa 31)	R	a2	
Numru ta' pakketti (kaxxa 31)	Ċ	n..5	Kund 60
Numru ta' biċċiet (kaxxa 31)	Ċ	n..5	Kund 60

RIFERENZI AMMINISTRATTIVI TA' QABEL			
Tip ta' dokument ta' qabel (kaxxa 40)	R	an..6	Regola 20
Referenza ta' dokument ta' qabel (kaxxa 40)	R	an..20	
Referenza ta' dokument ta' qabel LNG	R	a2	
Kumplament ta' l-informazzjoni (kaxxa 40)	O	an..26	
Kumplament ta' l-informazzjoni LNG	Ċ	a2	Kund 99
DOKUMENTI/ĊERTIFIKATI PRODOTTI			
Tip ta' dokument (kaxxa 44)	O	an..3	Regola 26
Referenza tad-dokument (kaxxa 44)	O	an..20	
Referenza tad-dokument LNG	Ċ	a2	Kund 99
Kumplament ta' l-informazzjoni (kaxxa 44)	O	an..26	
Kumplament ta' l-informazzjoni LNG	Ċ	a2	Kund 99 Regola 27
IMSEMMIJA SPEĊJALI			
Informazzjoni ta' l-identifikazzjoni addizzjonali (kaxxa 44)	O	an..3	
Esportazzjoni mill-KE (kaxxa 44)	Ċ	a1	Kund 75 Regola 75
Esportazzjoni minn pajjiż (kaxxa 44)	Ċ	a2	Kund 75 Regola 75
